Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

L-GĦAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 21 – Il-Hamis 26 ta' Frar 2026 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Hamis 26 ta' Frar 2026 fis-13:00 ta' wara nofsinhar.

**Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**21.1 Talba**

21.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

21.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**21.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

21.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**21..4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza ghal fatt li r-Regjun Għawdex ser jipprovdu servizz ta' żewġ handheld mechanical sweepers darbtejn f'xahar

21.4.2 Is-Sindku għamel referenza għall-inawgurazzjoni tas-Sena tal-Gastronomija b'attivita li lkoll mistednin ghaliha fl-ITS Qala li ser tinżamm illejla wara s-6pm.

21.4.3 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa online li ser ikollu mal-NGO Friends of the Earth rigward l-applikazzjoni tar-restawr tal-Forn ta' Kemmuna fejn minbarra li ser jiġi restawrat ser jintuża bħala mużew.

21.4.4 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-attendenza tieghu għas-Seminar li nżamm mill-ERA rigward il-ġbir tal-iskart u sfidi oħra.

21.4.5 Is-Sindku għamel referenza wkoll għal fatt li wara ħafna talbiet lill-Enemalta, issa bdiet iddur il-bozoz maħruqa tat- triq ix-Xatt.

21.4.6 Is-Sindku għaddha messaġġ lill-kunsilliera sabiex noqgħodu ħafna attenti minn infieq żejjed. Sar qbil li għandna nlaqqgħu l-għaqdiet sabiex l-attivitajiet il-kbar bħalma huma 'Echoes by the Sea' ma naqbżux il-limitu tal-fondi allokati.

**21.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

21.5.1 Ġie diskuss il-metodu u l-ħinijiet ta' kif qed jaħdmu l-ħaddiema tas-CWS u kif nistgħu niltaqgħu magħhom ilkoll bħala Kunsill u nitolbuhom jagħtu ftit aktar ħin ta' ħidma.

21.5.2 Il-Kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għal fatt li t-talba ta' Friendship Agreement ma' Sixmilebridge ta' Ireland approvawha mill-Kunsill tagħhom u filfatt qed jiffurmaw Kumitat u nkunu nistgħu nibdew it-taħdidiet u l-iskambji.

21.5.3 Il-kunsillier Larry Buttigieg propona sabiex tittranġa l-platform tax-Xatt l-Aħmar bħalissa peress li l-baħar daħal il-ġewwa.

21.5.4 Il-Viċi Sindku Joe Debono għamel referenza għall-ispiża kbira relatata mal-Kuntratt tal-knis. Sar qbil li għandha naraw nistgħux naħdmu b'ħaddiema tal-iskema.

21.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona li wasal iż-żmien li l-Għaqdiet li jagħmlu l-qliegħ mill-attivita' ta' Bethlehem f'Għajnsielem għandhom b'xi mod jikkontribwixxu persentaġġ żgħir għall-organizazzjoni ta' din l-attivita'.

21.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca enfasizza sabiex nagħtu żebha lill- gwarnic ta' Triq l-Imġarr.

21.5.7 Il-kunsillier Stephen Mercieca ssuġġerrixxa li fil-Pjazza tad-Dehra nagħmlu synthetic turf, iżda is-Sindku wieġbu li jitlaq aktar ħaxix ħażin.

21.5.8 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għall-fatt li Triq il-Ħamri diġa qed tinqala. Sar qbil li għandna nkellmu lill-Perit tal-proġett dwarha.

21.5.9 Il-Viċi Sindku Joseph Debono għamel referenza għat-trakkijiet li qed ikun hemm ippartkjati quddiem iċ- Ċimiterju. Is-Sindku wieġbu li ser niltaqgħu fuq il-post mal-Pulizija u s-Sindku tax-Xewkija ħalli naraw il-way forward ta' x'azzjoni ser nieħdu dwarhom.

**21.6 Korrispondenza**

21.6.1 Ma kienx hemm korrispondenza mportanti x'tiġi diskussa.

**21.7 Update dwar il-Proġetti**

21.7.1 Pjazza Madonna ta' Loretu. - Is-Sindku spjega kif għaddejjin konsultazzjonijiet dwar it-tfassil tal-Memorandum of Understanding bejna u bejn il-Ministeru għal Għawdex. Il-ftehim ser ikun jinkludi l-ispejjes kollha nkluż dawk tal-VAT u dawk tal-Perit u Contract Management. Is-Sindku għamel referenza għal fatt li peress li l-Perit inkarigat minn dan il-Proġett ilu assenjat dan il-progett ghal ghexieren ta' snin mill-Kunsilli preċedenti u peress ukoll li huwa l-istess Perit li ħa ħsieb il-proġett tal-foundations tal-Pjazza mill-Kurja u mill-Parroċċa stess, jagħmel ħafna sens li jkompli l-proġett hu peress li jaf kull problema li teżisti. Il-Kunsill qabel ma' dan l-argument u għalhekk sar qbil li għandna nibgħatu talba għal Direct Order lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

21.7.2 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif qiegħed f'kuntatt mal- inginier tal-Kurja peress li l-Knisja għandha xaqq fil-fili u l-pedamenti neżlin fil-kampnar. Huwa rrefera wkoll laqgha li kellu mieghu dwar il-kampnar biex jigi nkluz ghal progett tal-pjazza peress li aktar jagħmel sens li dawn it-tiswijiet isiru qabel il-pavimentar tal-Pjazza.

21.7.3 Saret referenza wkoll għal-laqgħa li saret mal għaqdiet u mal-perit rigward points tad-dawl.

21.7.4 **Triq Ħamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.

21.7.5 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u illuminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jinbeda qabel is-sajf

21.7.6 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Proġett huwa lest

21.7.7 **Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Ix-xoghol minn Road Construction waqaf sakemm jinġiegu fondi mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar biex tissewwa it-tunner biswit il-gibja..
- Ix-xogħol fuq it-taraġ ta Fuq il-Għajn miexi tajjeb fejn il-hardstone travertine tpoġġa u isa qed jsiru il-planters fil bricks u corten steel u se tinkludi sistema ta' water irrigation.

21.7.8 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Ix-xogħol miexi u qed jiġi mmoniterjat mit-team ta' Project Green. Inghata bidu ghal bini tal-latrina.

21.7.9 **Bini Arkata**

- Fil-ġranet li jmisss se tinbena l-istruttura sabiex jkun jista jitkekkejl u jitfassal ix-xogħol tal-ġebel.

21.7.10 **Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar ġiet sottomoessa.
- Qed nistennew mill-Lands 'No objection'

21.7.11 **Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Xogħol ta restawr tal-Monument Vittmi gwerra huwa lest. Għalissa m hemx ippjanati aktar intereventi sakemm jigi diskuss kif se jiġi ffinanzjajt il-bqija ta progett kollu u jekk hux se jkun prijorita.

21.7.12 **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**

- Ix-xogħol mistenni jibda fil-gimgħat li jmiss u bħalissa qed nistennew is-samples tal-rħam

**21.8 St. Patrick's 2026**

21.8.1 Il-Kunsill iddiskuta r-running order tal-bands u l-ispejjes involuti biex tittella' l-attivita'. Is-Sindku ta breakdown tal-ispejjes previsti li jammontaw għal €10752 filwaqt li dħul li ser ikollna huwa ta' € 8000 mill-Ministeru għal Għawdex u €750 sponsor mingħand Farsons. L-attivita' ser tibda mis-1:30pm sas-1:00am.

**21.9 Għid 2026**

21.9.1 Is-Sindku spjega kif bħala attivitajiet tal-Għid organizzati mill-Kunsill ser ikunu l-esebizzjoni Sitio kif ukoll l-Easter Egg hunt. L-esebizzjoni ser tkun miftuha bejn it-28 ta' Marzu

sa' Sibt l-Għid u l-Easter Egg Hunt ser tinżamm nhar is-Sibt 3 t'April 2026 mis-2pm 'il quddiem. Il-Kunsill ta' l-għajnuna tiegħu wkoll għaċ-ċenaklu li se jiġi esebit fil-Pjazza.

**21.10 Iljieli Sajfin 2026**

21.10.1 B'referenza għall-programm ta' Iljieli Sajfin 2026, is-Sindku propona sabiex inżommu laqgħa mal-għaqdiet biex isir kalendarju tas-sajf. Is-Sindku irrikomanda li l-kalendarju għandu jkun ke m jsita jkun varjat u idejalment naqblu fuq format ġdid għall-attivita' ta' Echoes by the Sea'. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta .

**21.11 Tolfarte u applikazzjoniet tal-EU relatati**

21.11.1 Il Kunsill qabel li ghal din is-sena ma ahniex ser nippartecipaw f'Tolfarte sabiex nevitaw l-ispejjes izda ricentament qed applikaw flimkien mal-Comune di Tolfa ghal fondi tal-Unjoni Ewropea biex igibu xi gruppi minn taghhom hawn u nkunu nistghu nospitawhom. Is-Sindku propona li minn naha taghna nitolbuhom li jappplikawlna sabiex intellghu xi grupp ta' zghazagha f'Tolfa ahna wkoll.

**21.12 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2025**

21.12.1 Preżenti għal-laqgħa sabiex ittina spjegazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2025 kienet l-Accountant tal-Kunsill Pauliana Said. Hija spjegat kif minkejja li l-Kunsill irriżulta b'bilanċ ta' €30,598, xorta qed ikollna ħafna spejjes kaġunati minn ħafna proġetti, attivitajiet u spejjes oħra. Importanti ħafna li nieqfu nieħdu aktar commitments u nikkontrollaw ħafna l-infieq. Hija spjegat kif qatgħet barra l-flus li kellna nieħdu mingħand il-Wasteserv għax mhux ser jingħabru lura. In-nuqqas ta' ċertifikazzjoni tal-pagament sħiħ tal-proġett Amppa u proġetti oħra tal-Unjoni Ewropea wkoll affettwaw ħażin l-bilanċi tal-Kunsill.

21.12.2 Il-Kunsill hawnhekk iddiskuta bis-serjeta l-oqsma fejn fihom jista jagħmel cross cuttings sabiex ikun jista jpoġġi s-sitwazzjoni tal-Cashflow tiegħu ħafna aħjar.

**21.13 Materji oħra**

21.13.1 Ġiet trattata l-iskema mnedija mir-Regjun Għawdex għall-attivita' relatata mal-Gastronomija. Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza Lejla Maltija mal-komunita' ta' Sant'Antnin billi flimkien norganizzaw lejla tradizzjonali b'ikel tipiku Malti f'ambjent ta' festa tradizzjonali. Sar qbil li s-serata għandha tinżamm nhar il-5 ta' Settembru 2026 u tifforma bħala parti minn Iljieli Sajfin.

**21.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

21.14.1 Ġiet imressqa skeda numru 150 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew ilkoll approvati.

**21.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgha ntemmet fis-2:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Marzu 2026 fin-12:30 ta' wara nofsinhar.

Kevin Cauchi
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Eżekuttiv